MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2310/2002

**Avviz Numru 2310/02 AJD**
**Nazzareno Zammit**

**vs**

**Peter Paul Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Settembru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u sebgha u sittin lira Maltin (Lm667.00) rapprezentanti sehem l-attur mir-rikavat tal-bejgh ta' zewg flats f'Savoy Hill, Tas-Sliema, mill-liema sehem il-konvenut diga' hallas parti.
Bl-ispejjes, nkluzi dawk tal-ittri bonarji, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u ma prezentax risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attur li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u sebgha u sittin lira Maltin (Lm667.00) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**